MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Numru. 721/2001

PULIZIJA
SPETTUR MARTHESE MICALLEF
VS
JOSEF SHARFID

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Josef Sharfid ta’ 26 sena, iben Mohammed u Maria Dolores nee Mangion, imwieled il-pieta fid-9 t’Awissu 1975 u li joqghod 111, Flat 5, Strait Street, Valletta detentur tal-karta tal-identita numru 392375M talli fis-26 ta’ Novembru 2001 ghal habta ta’ 12.45pm gewwa id-detox centre fl-isptar San Luqa fil-Pieta volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe kisser zewg hgigiet li l-valur taghhom jammonta ghal aktar minn Lm10 maltin izda anqas minn Lm50 maltin, ghad-dannu tal-gvern ta’ Malta.

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, insulenta u hedded lil Dr Anne Marie Vella MD

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u kliem hazin.

Talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti kompetenti u li saru definittivi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi waqt li l-ufficjal prosekutur kienet qed tinvestiga kaz iehor fid-Detox Centre instema xi ghajjat. Dr Miriam Vella li maghha kienet qed titkellem Spettur Micallef qaltilha biex ma taghtiex kaz stante li hija imdorrija b'nies li jaghmlu l-istorbju.

Xi mumenti wara, pero instema tfaqqiegh ta' hgieg u ghalhekk Spettur Micallef harget biex tinvestiga u sabet lill-imputat li kien qieghed jargumenta ghax ried jkellem lill-istess Dr M Vella. Beda jilmenta li Dr Vella kienet naqset f-daqqa d-doza tal-methadone li kienet tieghu l-gharusa tieghu u li din ma setghatx tghaddi biha.

Huwa ilmenta li n-nurses kienu qed jirristringuh kien rrabjat u faqa l-hgieg. Illi l-hgieg miksur kien tal-kuritur tad-Detox.

L-ispettur, Dr Vella u n-nurses irnexxielhom jikkalmaw lill-imputat u dan ittiehed l-casualty fejn idu giet imdewwija u infaxxata.Wara dan kellmu Dr George Grech u infurmah li kien sospiz mid-detox ghal xahar fuq dak li ghamel.

Hemmhekk rega beda jargumenta l-imputat ghax qal li hu kien fuq doza ta’ methadone qawwija.

Illi wara dan it-tieni argument l-imputat ried jiehu b’idejn Dr Grech u meta dan tal-ahhar irrifjuta, l-imputat rega beda jilletika regghet inkisret hgiega ohra sakemm l-pulizija irnexxiela tohrog lill-imputat il-barra mid-detox.

Illi ghalkemm l-imputat pprova jmur biex jhallas tal-hgieg li kisser Dr Grech ma riedtx jaccetta flus.

Fl-istqarrija ffirmata mill-imputat Dok MM a fol 19 et seq, l-imputat sostna li huwa rreagixxa hekk ghaliex Dr Grech ghamilu idu ma wiccuu hu hassu qed jifga u kien dak il-hin li laqat idu mal-hgiega u inkisret.

Dr Grech (a fol 22-26) kkonferma ix-xhieda tal-ispettur Micallef u qal li sema hafna ghajjat, dagha, theddid u hareg jigri u sab l-imputat li kellu fliexkun birra f’idejh.

Dr Grech qal li  hataf il-fliexkun minn id l-imputat ghax haseb li ser jkorri lil xi hadd. L-imputat dar lejn l-ufficju ta’ Dr Vella, ta’ daqqa ta’ ponn fuq il-partition u faqa l-hgiega.

N-nurses haduh biex tigi imdewwija id l-imputat. Wara li gie imdewwi l-imputat rega dahal id-detox ghalihom, kien ghadu kif gie imwissi minn Dr Grech li kien sospizi mid-detox u fost hafna theddid u ghajjat l-imputat rega ta’ daqqa ta’ ponn fuq hgiega ta’ partition ohra fejn jinzamm il-Methadone. Bicca mill-hgieg giet fuq nurse. Wara dan l-imputat gie arrestat.

Dr Grech xhed li theddid kien indirizzat lejn Dr Vella u lilu. Dr Grech ddeskriva dan l-incident bhala “l-ikrah incident kemm ili seba snin id-detox.”

Din il-versjoni giet ikkorroborata wkoll minn Dr Vella (ara pg 27-31).

PC574 Buhagiar (fol 30) kkonferma l-istqarrija tal-imputat.

PS860 Keith Caruana gie mitlub jassisti lill-ispettur Micallef li xhed li kien arresta lill-imputat mid-Detox.

Vincent Zammit (fol 35) part timer mas-Sedqa kien fid-Detox wara li sehh l-incident, sema l-ghajjat u raha lill-imputat b'ferita zghira f'idu.

Chris Spiteri (fol 38-41) xhed li huwa sema hsejjes ta' hgieg jinkiser u ra lill-imputat b'idu bid-demm u mmedikahielu.

Spettur Micallef (fol 42) esebit sentenza dok MM2 u ricevuta ta' Lm10 ghal hgieg miksur. (Dok MM3) u giet ikkonfermata min Francis Zammit a fol 53 sa 56.

L-imputat xehed a fol 56 sa 60 fejn rritiena illi huwa kien rrabjat ghaliex it-tabiba kienet ddecidiet li tirriduci d-doza ta' methadone lit-tfajla tieghu u kien tal-opinjoni li r-riduzzjoni kienet kbira wisq u qabad jghajjat. Min hemm hargu hafna nies u gie fuqu wkoll Dr Grech li beda jghidlu biex johrog u l-imputat b'dik ir-rabja hassu li qed jifga, xejjer b'idejh u "laqat" hgiega u idu giet imdewwija.

L-imputat xehed li ddispjacih u mar u talab skuza.

Illi in kontro ezami Dr Grech stqarr li l-imputat kellu riha qawwija ta' xorb fuqu, li kien l-istess Dr Grech li hataf il-fliexkun birra minn id l-imputat u li l-imputat ma offriex resistenza izda faqa l-hgiega, li l-imputat offra li jhallas tal-hgiega miksura.

Rat il-verbal tat-30 t'April 2002 fejn l-imputat accetta s-sentenza dok MM2 bhala wahda moghtija fil-konfront tieghu.

Illi mill-fatti fuq esposti, huwa evidenti illi l-imputat huwa tip li jinkorla malajr, jitlef il-kontroll, u jsir aggressiv. L-agir tal-imputat, li kisser zewg partitions tal-hgieg, b'dannu fisiku ghalih innifsu, haseb li b'tali agir sejjer jinfluwixxi lit-tobba biex jaghtu doza aktar ta' methadone lit-tfajla tieghu, dan fost hafna ghajjat, dagha u theddid.

Ili f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tista b'ebda mod taccetta dak li gie gratuitament sostnut fit-tratazzjoni li l-incident gara ghaliex "forsi xi hadd – mhux in-nuqqas tat-tobba ta', imma forsi dawk il-persuni li jkunu qeghdin hemmhekk jghidulu xi haga imbaghad inqala l-incident u kollox".

Illi ghal dawn il-motivi ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza b'dan li l-hsara ma teccediex l-Lm10, hati tat-tieni, t-tielet u r-raba akkuza u wara li rat Art 325(d), 339(e), 338dd, 49 u 50 tal-kap 9 u tikkundannah ghal tlett xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat kien taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------